MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 07 ta' Ottubru, 2002

Numru. 840/2000

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri u
Sp Carmelo Bartolo)
vs
Johan Briffa, iben Joseph, imwieled
Pieta' fit-3 ta' novembru, 1977

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'Birżebbuġia matul il-lejl ta' bejn l-24 ta' diċembru, 2000 u il-25 ta' diċembru, 2000, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Claudio Antig Priolo f'perikolu ċar, ikkaġunalhu ġrieħi ta' natura gravi li jġibu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' Claudio Antig Priolo mill-Filippini;
2. talli fl-istess data u ċirkostanżi, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Claudio Antig Priolo mill-

Filippini skond ma ċċertifika Dr. David Fenech M.D. tal-poliklinika tal-Floriana;
3. talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-25 ta' diċembru, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tiegħu arma regolari, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli f'Birżebbuġia, matul il-lejl ta' bejn l-24 ta' diċembru, 2000 u il-25 ta' diċembru, 2000 kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' ottubru, 2001 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 218 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 2, 3, 13 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ċ) fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' novembru, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Għal ħabta tat-3.30 a.m. tal-25 ta' diċembru, 2000 l-imputat daħal fic-"Cherries Bar". Dak il-lejl kienet it-tieni darba li daħal hemm. Waqt li kien dieħel hu ra lis-sid tal-bar joħroġ persuna li kienet qed tagħmel l-istorbju. Hu daħal fil-bar u nduna li kien hemm speċi ta' kommozzjoni fil-post. Ra wkoll filippin li kien bil-wieqfa u kellhu fliexkun tal-birra f'idejh. Skond il-versjoni ta' l-imputat dan ir-raġel f'daqqa waħda qabad dan il-fliexkun, waddbu fid-direzzjoni ta' l-imputat u fil-fatt laqgħtu f'saqajh.

L-imputat resaq għal fuq din il-persuna għas-sodisfazzjon, imbuttah, tah daqqa ġo ħalqu, waqqgħu mal-art u spiċċa fuqu. Huma bdew jiġġieldu sakemm xi ħadd, li kien Joseph Mifsud, il-barman, uża l-gass tad-dmugħ biex jipprova jwaqqaf il-ġlieda.
L-imputat, hekk kif ħass il-gas, refa lil dan il-filippin, li jismu Claudio Priolo, u baqa ħiereġ bih barra l-bar, imbuttah ‘l hemm u l-ġlieda spiċċat.

Illi dan ma kienx l-uniku nċident li ġara f’dan il-bar. Fl-istess ħin tal-ġlieda bejn
l-imputat u Claudio Priolo, kien hemm għaddej inċident ieħor li konsegwenza tiegħu persuna ta’ nazzjonalita’ filippina tilfet ħajjitha.

Illi l-versjoni li ta Claudio Priolo hi waħda ftit differenti fis-sens li hu xehed li qala sensiela ta’ daqqiet mingħand l-imputat iżda jiċħad li waddab xi fliexkun. Hu xehed li kien hu u tlieta minn sħabu, kollha ta’ nazzjonalita’ filippina, li kien qed jixorbu
l-birra mill-fliexken. Huma kien bil-qegħda madwar mejda meta f’daqqa waħda xi ħadd spiċċa fuq ill-mejda tagħhom u nkisru l-fliexken tal-birra. Claudio Priolo kien bil-wieqfa ħdejn il-mejda meta ġie l-imputat u aggredih u beda jagħtih kullimkien. Spiċċa li hu ġie mixħud barra l-ħanut.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li f’din il-ġlieda l-imputat uża xi arma biex jagħti lil Claudio Priolo.

Illi l-imputat u Claudio Priolo ma jaqblux fuq il-fatt jekk l-imputat ġie milqut minn fliexkun li waddab Claudio Priolo. Fuq dan il-fatt partikolari hemm xhud okulari, li hi Mandy Ellul, li xehdet li rat lil Claudio Priolo jwaddab il-fliexkun fid-direzzjoni ta’
l-imputat u rat ukoll li ntlaqgħat f’saqajh. Tgħid ukoll li marret fuqhom biex tgħidilhom biex jieqfu, iżda għalxejn. Tgħid ukoll li rat lill-imputat fuq Claudio Priolo mal-art.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Claudio Priolo kellhu feriti ta’ natura ħafifa fuq
Il-persuna tiegħu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat hu mpjegat bħala 'security'. Fuq l-iskorta ta' dan il-fatt anki jekk hu veru li hu ġie milqut minn dan il-fliekun, ir-reazzjoni tiegħu kienet waħda vjolenti ħafna. Hawnhekk, l-imputat kien jaf li kien dieħel ġo ambjent li ma kienx kalma u għalhekk hu kellhu juża l-abilita tiegħu professjonali biex fl-ewwel lok imewwet l-inċident fejn hu kien involut u jgħin biex tiġi ristabbilta
l-kalma fil-bar.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkun-
dannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200). Tordna d-distruzzjoni
tal-bott tal-gas eżebita.